**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 158/2021 RM**

**Francis Carabott**

**-Vs-**

**(a) Rosario sive Louis Carabott;**

**(b) Maria sive Marie, mart l-istess Rosario, Carabott;**

**(c) Elvia Cini, il-mandanti assoluta ta' missierha Rosario sive Louis Carabott[1], kif ukoll żewġha Etienne Cini għal kull interess li jista' jkollu;**

**u b'digriet tas-17 ta' April 2023 ġiet maħtura Dr. Maria Karlsson Kuratur Deputat biex tirrappreżenta l-eredi mhux magħrufa ta' Rosario Carabott**

**Illum, 11 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-attur fir-Reġistru fid-9 ta' Ġunju 2021 fejn talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jirrifondu u jħallsuh lura s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) oltre l-imgħaxijiet, skont skrittura privata datata 15 ta' Frar 2020, illum

[1] *'a bażi ta' dokument insinwat data 17 ta' Novembru 2020 in atti Nutar Dr. Naomi Mugliette u reġistrat fl-14 ta' Diċembru 2020'*

tranżuntata wkoll, u dokumenti oħra, oltre l-ispejjeż kollha ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji, inkluż il-proċeduri abbażi ta' Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew notifikati lilhom, il-mandat ta' sekwestru, proċeduri legali oħra, u kwalsiasi spejjeż u drittijiet, direttament u jew indirettament marbuta jew konnessi ma' din il-kawża u l-mertu tagħha.

Rat illi l-konvenuta Maria Carabott minkejja li ġiet notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqgħet ma weġbitx għat-talba;

Rat illi l-konvenut Rosario Carabott ġie notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ fit-22 ta' Ġunju 2021;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini, ippreżentat fir-Reġistru fid-19 ta' Lulju 2021 fejn ġie eċċepit:-

*"i. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma m'ghandhom jaghtu xejn lil Francis Carabott, illi qatt ma sselfu flus minghandu, qatt ma ffirmaw l'ebda skrittura la tal-15 ta' Frar 2020, Dokument EDB, u/jew lanqas tal-15 ta' Marzu 2020 u/jew lanqas tat-30 ta' Mejju 2018, u ghalhekk ghandhom immedjatament jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*ii. Illi antecedentement ghal dak l-avviz huma pprezentaw rikors ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1194/2021, fl-atti ta' din il-kawza, fis-16 ta' Gunju 2021, liema rikors ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh, u d-dewmien li jinstema u jigi revokat tali mandat qed jesponi lir-rikorrent Francis Carabot ghal danni ingenti in konfront tal-konjugi Cini.*

*iii. Illi l-intimati Cini jirrizervaw li jipprocedu ghad-danni kontra l-istess Francis Carabott talli huwa abbuzivament u illegalment hareg mandat ta' sekwestru 1194/2021 kontra l-intimati Cini, meta huwa kien jaf mill-iskritturi fuq referiti u ezebiti fil-process, u fin-nota maghmula fl-atti tal-ittra ufficjali 166A mahruga mir-rikorrent Carabott fid-19 ta' Mejju 2021, illi huma m'ghandhomx jaghtu xejn lill-istess rikorrenti.*

*iv. Illi minkejja dan, ir-rikorrenti Francis Carabott agixxa wkoll in konfront tal-istess intimati Cini.*

*v.* *Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra ta' danni.*

Rat illi l-konvenut Rosario Carabott miet fis-6 ta' Ġunju 2022 fil-mori tas-smigħ tal-kawża;

Rat id-digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru 2022 fejn ġie ordnat li l-konvenuta Maria Carabott, il-werrieta preżuntiva ta' żewġha d-defunt konvenut Rosario Carabott, tiddikjara jekk hijiex bi ħsiebha tkompli l-kawża minfloku;

Rat illi minkejja li l-konvenuta Maria Carabott ġiet notifikata bir-rikors u bid-digriet tal-24 ta' Ottubru 2022, baqgħet ma weġbitx entro t-terminu msemmi fl-artikolu 809 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet mogħti fit-23 ta' Marzu 2023 fejn ġiet maħtura Dr. Maria Karlsson bħala Kuratur Deputat sabiex tirrappreżenta l-eredi mhux magħrufa tal-konvenut Rosario Carabott;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023 Dr. Maria Karlsson tat ruħha b'notifikat bil-ħatra tagħha u bir-rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża;

Rat ir-risposta ppreżentata mill-Kuratur Deputat fit-13 ta' Ottubru 2023 fejn iddikjarat li "*m'hijiex edotta mill-fatti u rriżervat id-dritt li tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkun il-każ*";

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2023, il-konvenuta Maria Carabott iddikjarat tramite l-avukat tagħha illi ma tikkontestax illi l-ammont reklamat mill-attur hu dovut minnha u seduta stante ġie ppreżentat fl-atti nota ta' ammissjoni mill-istess konvenuta Maria Carabott;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tat-12 ta’ Frar 2024 fejn ġiet miċħuda t-talba tal-attur sabiex jiġu mħarrkin biex jixhdu Dr. Joseph P. Bonnici, Dr. Edward Debono u l-Marixxall Stephen Agius;

Rat in-nota ppreżentata mill-konvenuta Maria Carabott fil-25 ta’ Marzu 2024 fejn iddikjarat illi hija m’għandha tbati l-ebda spejjeż tal-proċeduri safejn għandhom x’jaqsmu l-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tat-13 ta’ Mejju 2024 fejn tat żmien lill-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini sal-31 ta’ Mejju 2024 sabiex jippreżentaw ix-xhieda tagħhom bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-digriet mogħti fil-25 ta’ Awwissu 2024 fejn ġie mġedded b’mod perentorju sal-1 ta’ Awwissu 2024 it-terminu ġia’ mogħti lill-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini għall-preżentata tax-xhieda tagħhom bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-digriet mogħti fit-18 ta’ Settembru 2024 fejn ordnat l-isfilz mill-atti tal-affidavit tal-konvenuta Elvia Cini li ġie ppreżentat fis-16 ta’ Settembru 2024 bi ksur tal-ordni mogħti fid-digriet preċedenti;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ippreżentat mill-attur fid-9 ta’ Ottubru 2024 kif awtorizzat b’digriet mogħti fis-seduta tat-30 ta’ Settembru 2024;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukat tal-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2024;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għal kundanna għall-ħlas ta' kreditu pretiż mill-attur fis-somma ta' €10,000 fil-konfront tal-konvenuti: Rosario Carabott, ħu l-attur li ġie nieqes fil-mori tas-smigħ tal-kawża fis-6 ta' Ġunju 2022[2]; Maria Carabott mart l-istess konvenut, u Elvia u Etienne konjuġi Cini li jiġu bint il-konvenuti, u r-raġel tagħha, rispettivament.

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, jirriżulta illi bejn Ġunju 2017 u Mejju 2018 l-attur Francis Carabott kien silef *brevi manu* lil ħuh il-konvenut Rosario Carabott u lil martu l-konvenuta Maria Carabott, ammonti ta' flus li b'kollox jammontaw għas-somma ta' €10,000. Dan xehdu b'mod inkontradett l-attur stess bil-ġurament, iżda d-debitu dovut lilu jirriżulta wkoll minn:-

- Karta mitkub bl-idejn (invoice No. 001169) bid-data tat-30 ta' Mejju 2018 fejn Rosario sive Louis Carabott iddikjara li ghandu jagħti somma ta' €10,000 lil 'France Carabott'[3]. Dan id-dokument jidher li huwa ffirmat minn Rosario Carabott u Maria Carabott.
- Skrittura privata datata 15 ta' Frar 2020 iffirmata minn Rosario Carabott u Maria Carabott, imsejħin 'id-debituri' u minn Francis Carabott imsejjaħ il-kreditur, fejn id-debitur ddikjaraw ruħhom *"veru, ċerti u likwidi debituri a favur tal-kreditur, aċċettantni fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) liema somma ġiet mislufa brevi manu qabel din l-iskrittura*". Obbligaw ruħhom ukoll li jħallsu s-somma mislufa lura lill-kreditur fi żmien sena u fin-nuqqas, interessi bir-rata ta' 8% kellhom jibdew jiddekorru fuq id-debitu. Id-debituri obbligaw ruħhom ukoll li jiskrivu ipoteka ġenerali fuq il-beni tagħhom fi żmien ġimgħa minn meta jiġu interpellati mil-kreditur biex jagħmlu dan.
- Skrittura privata oħra datata 15 ta' Marzu 2020 bejn l-istess partijiet, ukoll iffirmata minnhom ilkoll fejn għal darb'oħra Rosario Carabott u Maria

[2] Ara ċertifikat tal-mewt Dok. RC1, paġna 187 tal-atti tal-kawża.
[3] Immarkati komplessivament bhala Dok. EDD.

Carabott ikkostitwixxew ruħhom veru, ċerti u likwidi debituri a favur 'France Carabott' għall-istess somma ta' €10,000 mgħoddija lilhom għal raġunijiet personali qabel id-data tal-iskrittura.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa ppruvat b'mod inkonfutabbli li l-konvenuti Rosario Carabott u martu l-konvenuta Maria Carabott huma flimkien ko-debituri tal-attur fis-somma ta' €10,000. Magħdud dan l-ammissjoni bla riżerva tal-konvenuta Maria Carabott fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2023 illi l-ammont pretiż mill-attur fir-Rikors promotur fis-somma ta' €10,000, huwa dovut minnha.

Għandu jingħad ukoll illi peress li ma ġiex eskluż mill-provi illi ż-żwieġ bejn il-konvenuti Rosario Carabott u Maria Carabott kien regolat mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti sejra tqis illi bejn iż-żewġ konvenuti kien hemm eżistenti, anke fiż-żmien tal-kuntrattazzjoni tad-dejn, ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tosserva wkoll illi ż-żewġ konjuġi kienu taw il-kunsens espress tagħhom għas-self ta' flus mingħand l-attur, meta iffirmaw espressament iktar minn darba, l-aċċettazzjoni tagħhom tal-obbligazzjoni għall-ħlas tad-debitu, li jfisser, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1322(3)(f) tal-Kodiċi Ċivili, illi bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja li saret bil-parteċipazzjoni taż-żewġ konjuġi, id-debitu kuntrattat mill-konjuġi, jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti li kien eżistenti bejn il-partijiet qabel il-mewt ta' Rosario Carabott. Għaldaqstant, l-eredi mhux magħrufa tad-defunt Rosario Carabott, rappreżentati fil-kawża mill-Kuratur Deputat maħtur biex tirrappreżentahom, ukoll għandhom jitqiesu bħala debituri flimkien mal-konvenuta Maria Carabott in kwantu għas-sehem ta' Rosario Carabott mid-debitu li qabel mewtu, kien a karigu tal-komunjoni tal-akkwisit.

Ikkunsidrat;

Jifdal biss li jiġi mistħarreġ u deċiż il-materja tar-responsabbilita' o meno tal-imħarrkin Elvia Cini u Etienne Cini għall-obbligazzjoni għall-ħlas tal-kreditu reklamat mill-attur.

Ġie argomentat għall-attur illi huwa kellu jħarrek lil Elvia Cini biex twieġeb għat-talba għall-ħlas tal-kreditu pretiż minnu, il-għaliex mir-riċerki li għamel fir-reġistru pubbliku sar jaf illi kien ġie reġistrat prokura speċjali fejn Elvia Cini inħatret minn missierha Rosario Carabott bħala l-mandatarja speċjali tiegħu ("*il-mandanti assoluta tiegħu*"), liema prokura sar fis-17 ta' Novembru 2020 fl-atti tan-Nutar Naomi Mugliette u ġie insinwat fl-14 ta' Diċembru 2020.

Fix-xhieda tiegħu, l-attur sostna illi sa minn meta ġiet insinwata fir-reġsitru pubbliku l-prokura speċjali, il-konvenuta Elvia Cini "*saret responsabbli għal dak kollu li kien jappartjeni lil missierha sija fil-pożittiv kif ukoll fin-negattiv, bħal f'każ tiegħi saret id-debitriċi tiegħi*".

Meta xehed in kontro-eżami, l-attur ikkonferma illi l-unika raġuni il-għala ħarrek lil Elvia Cini u żewġha Etienne Cini fil-kawża hija għaliex mir-riċerki li kienu saru fir-reġistru pubbliku, irriżultalu li ħuh il-konvenut Rosario Carabott kien taha prokura ġenerali. Ippreċiża li qabel ħuh spiċċa l-isptar wara l-inċident, kien avviċina lill-konvenuta Elvia Cini dwar il-ħlas tal-kreditu minnu pretiż biex jaċċerta ruħu li kienet taf b'dan id-dejn bħalma kienu jafu bih ukoll ħutha l-oħrajn, u kien uriha "*l-irċevuta tal-ħanut*". Ikkonferma illi l-konvenuta f'ebda waqt ma qaltlu li kienet sejra tieħu ħsieb tħallas dan id-dejn hi stess. Xehed ukoll illi huwa baqa' jżomm ferm il-proċeduri fil-konfront ta' Elvia Cini u żewġha Etienne Cini wara li l-konvenuta Maria Carabott ammettiet li hija debitriċi tas-somma reklamata, għaliex "*... kellha prokura fuqha. Il-prokura jiena bqajt għaddej bil-kawża għax baqgħu għaddejjin bil-kawżi ...*"

Il-Qorti tibda biex tesprimi l-istmerrija tagħha għall-fatt li fl-Affidavit tiegħu l-attur għamel sottomissjonijiet legali li m'għandux għalfejn jingħad, m'għandhom ebda post fix-xhieda ta' persuna mhux legali, u tosserva wkoll illi l-attur jiddedika l-parti l-kbira mill-affidavit tiegħu biex, minflok jixhed dwar il-fatti tal-każ, jesprimi kif ħassu aggravat bid-digriet mogħti fl-14 ta' Settembru 2021 li bis-saħħa tiegħu ġie revokat il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1194/2021 fl-ismijiet **Francis Carabott v. Rosario**

**Carabott et** u fejn huwa ġie kkundannat għall-ħlas ta' penali fis-somma ta' €1,200, u jispjega l-*iter* proċesswali tal-kawża odjerna u r-raġuni l-għala kien ippreżenta l-atti ġudizzjarji kollha li ġew ippreżentati minnu fl-atti proċesswali. Dan kollu magħdud rakkont ripetittiv bl-irqaqat kollha fuq xejn inqas minn tlieta u għoxrin (23) paġna, dwar (i) dak li kien jiġri f'kull smigħ ta' din il-kawża, (ii) dak li kien jiddiskuti mal-avukat tiegħu u l-pariri legali li ngħatawlu mill-avukat, (iii) l-ispejjeż kollha li ħallas b'rabta mal-kawża, il-mandati kawtelatorji u proċedimenti relatati, u (iv) materji oħrajn li frankament mhux biss huma kompletament irrilevanti għad-determinazzjoni tal-mertu tal-kawża iżda wkoll, fuq kollox, iqanqlu tħassib f'moħħ il-Qorti dwar ir-raġuni l-għala materji bħal dawk kellhom jingħadu f'xhieda. Iktar minn hekk, l-affidavit tal-attur huwa miżgħud b'ripetizzjonijiet, kummenti u opinjonijiet dwar l-intenzjonijiet u raġġiri qarrieqa tal-konvenuti u l-avukati tagħhom, u x'suppost kellu u x'ma kellux isir mill-istess konvenuti b'rabta mad-debitu pretiż minnu.

Kif taraha l-Qorti, dan l-affidavit huwa fih innifsu abbuż tal-proċedura u bi ksur flagranti tal-prinċipju ġenerali li kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet[4], u bħala tali jirrażenta wkoll l-estremi tal-frugħa u l-vessatorjeta'. Il-Qorti m'hijiex serja tordna l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(1)(2) tat-Tariffa A tal-Iskeda A fil-konfront tal-attur <u>biss</u> għaliex l-att tal-proċedura in diżamina m'huwiex dak li bih inbdiet il-kawża, u ma jistax jingħad lanqas illi fih innifsu kellu l-effett li jtawwal il-proċeduri, għalkemm indubbjament żied inutilment l-inkartament tal-kawża meta din għandha titmexxa sommarjament[5].

Da parti tagħhom, il-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini jikkontendu illi huma m'humiex debituri ta' Francis Carabott, ma għandhom jagħtuh xejn u huma għal kollox estranei ghad-debitu li seta' gie kontrattat mill-konvenuti Rosario Carabott u Maria Carabott.

---

[4] Artikolu 558 tal-Kap. 12. Kemm hu hekk, kull prova li lill-Qorti jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda ma għandhiex titħalla tinġieb fl-atti (artikolu 560).
[5] Art. 171 u art. 215 tal-Kap. 12.

Il-Qorti wara li fliet l-atti bir-reqqa, tqis illi abbażi tad-dokumenti prodotti mill-attur innifsu in sostenn tat-talba tiegħu għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu pretiż, jirriżulta inkonfutabbilment illi huma biss il-konvenut Rosario Carabott u martu l-konvenuta Maria Carabott – u ħadd iktar - li ddikjaraw u aċċettaw li huma debituri tal-attur fis-somma pretiża fir-Rikors promotur, €10,000. Il-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini ma jiffiguraw imkien fl-iskrittui fuq imsemmija bħala debituri tal-ammont li jirriżulta li ġie misluf mill-attur lil ħuh Rosario Carabott u lil martu, u minn imkien ma jirriżulta li qatt ma kellhom sehem fin-negozju li ta lok għall-obbligazzjoni għall-ħlas.

Kif rajna, it-talba tal-attur fir-Rikors promotur fil-konfront tal-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini hija msejsa fuq il-prokura li permezz tagħha Rosiario Carabott ħatar lil bintu Elvia Cini bħala l-mandatarju tiegħu f'dawk il-materji msemmija espressament fil-prokura. L-attur jargomenta illi bl-aċċettazzjoni tal-prokura ta' missierha Rosario Carabott, il-konvenuta Elvia Cini aċċettat ukoll ir-responsabbilita' għall-hlas tad-debiti talvolta dovuti mill-mandant tagħha.

Il-Qorti qajla tifhem kif il-fatt li l-mandatarju seta' aċċetta li jmexxi u jamministra l-affarijiet tal-mandant, jidher f'ismu u jamministra ħwejġu safejn ikun ġie espressament mogħti din is-setgħa, jista' jsarraf f'assunzjoni ta' responsabbilita' legali wkoll għall-ħlas tad-djun tal-mandant bl-applikazzjoni tal-beni personali tal-istess mandatarju. Il-fatt illi l-mandatarju jkun aċċetta li jamministra l-affarijiet tal-mandant ma jsarrafx f'aċċettazzjoni ta' responsabbilita' għall-ħlas tad-djun tiegħu.

Huwa minnu illi l-konvenuta Elvia Cini inghatat prokura ġenerali minn Rosario Carabott biex bhala mandatarja hija tamministralu l-proprjetà u biex b'mod ġenerali taġixxi bħala mandatarja tiegħu fl-affarijiet kollha li jidħlu fl-iskop tal-mandat. Iżda dan bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni legali ma jista' jwassal biex l-istess konvenuta titqies li akkwistat xi jeddijiet tal-mandant jew assumiet xi obbligazzjoni dovut mill-mandant tagħha. Wisq inqas tista' l-mandatarja titqies li bis-saħħa tal-mandat tkun ikkostitwixxiet ruħha bħala ko-debitrici jew garanti għall-hlas ta' xi djun tiegħu jew

b'xi mod ieħor aċċettat ir-responsabbilita' għall-ħlas tad-debiti dovuti mill-istess mandant, bħalma huwa d-debitu dovut minn missierha lill-attur odjern.

Ix-xhieda tan-Nutar Dr. Naomi Mugliette, li rrediġiet u awtentikat il-prokura in diżamina, ma tħalli ebda dubju dwar dan. Ikkonfermat li Rosario Carabott : "... *xtaq ovvjament at that point hu ma setax jiċċaqlaq, kellu bżonn lil xi ħadd jiffirma l-affarijiet tiegħu, kien qalli li kellu xi affarijiet tal-business ... naħseb li semmieli li kellu xi djun u xtaq illi anke jekk jibqa' jirkadi t-tifla tiegħu Elvia li kellu fiduċja fiha, tibqa' tmexxi* ***għan-nom tiegħu****.*" Mistoqsija r-raġuni il-għaliex Rosario Carabott kien ħatar lil bintu bħala l-prokuratriċi tiegħu u x'kellha tagħmel bħala prokuratriċi tiegħu, xehdet: "*Biex tiffirma għan-nom tiegħu, għal affarijiet ċivili fejn hu ma setax jibqa' jiffirma ... minn dik il-ġurnata 'l hemm ... Tiffirma anything, kuntratti, qorti, skritturi li kellu bżonn jiffirma.* ***Tiffirma kollox f'ismu ... Għan-nom tiegħu****.*"[6]

Għalkemm b'effett tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 1865 tal-Kap. 16 il-mandatarju jista' wkoll ikun konvenut fl-isem tal-mandant, f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-affarijiet li jidħlu fil-mandat - u effettivament din is-setgħa ngħatat espressament lil Elvia Cini bis-saħħa tal-paragrafu 9 tal-prokura ġenerali Dok. EDD1[7] - fil-każ in dizamina hija ma gietx imħarrka f'isem jew għan-nom tad-debitur mandant Rosario Carabott, iżda tabilħaqq minħabba li hija mandatarja[8].

Ġie sottomess ulterjorment għall-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini, illi fi kwalsiasi każ, il-prokura in diżamina ma kellhiex effikaċja immedjata għaliex ingħatat għall-finijiet tal-artikolu 1864A tal-Kap. 16, ċioe` b'antiċipazzjoni tal-inkapaċita` tal-istess missierha.

---

[6] Emfasi tal-Qorti.

[7] Is-setgha fost setghat ohrajn, illi taġixxi ġudizzjarjament u tkun konvenuta, fl-isem tal-mandant – ara paragrafu 9 tal-prokura.

[8] Għandu jingħad ukoll li anke jekk għal mument, kellu jiġi kkunsidrat li l-konvenuta Elvia Cini ġiet imħarrka f'kapaċita' rappreżentattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili, il-mandatarju lanqas jista' joqgħod fil-kawża bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir. Għalhekk, stabbilit mill-provi u x-xhieda li Rosario Carabott kien jirrisjedi Malta u ma kienx assenti meta saret il-kawża, Elvia Cini lanqas setgħet tiġi mħarrka f'kapaċita' rappreżentattiva tiegħu bħala l-mandat.

Dan jipprovdi:-

(1) *Il-mandat mogħti minn persuna maġġorenni, b'antiċipazzjoni tal-inkapaċità tagħha lill-mandatarju sabiex dan tal-aħħar jieħu ħsieb lill-mandant jew sabiex jamministralu l-proprjetà, għandu jkun redatt taħt piena ta' nullità minn nutar pubbliku, quddiem żewġ xhieda skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 655(1) ta' dan il-Kodiċi, wara li jkun kiseb dikjarazzjoni medika illi ċ-ċirkostanzi jirrikjedu dan, fl-aħjar interessi ta' dik il-persuna. Dan il-mandat għandu jiġi reġistrat bl-istess mod bħal wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 50 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili.*

(2) *F'każ ta' persuna maġġorenni, l-eżekuzzjoni tal-mandat għandha tkun taħt kondizzjoni li sseħħ l-inkapaċità u wara li tinkiseb l-approvazzjoni neċessarja mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja wara rikors mill-mandatarju msemmi fl-att. Il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tkun tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha li huma neċessarji.*

Fir-rigward, inġiebet il-prova illi ma sar ebda rikors kwalsiasi, lanqas wieħed bħal dak imsemmi fis-subartikolu (2) tal-artikolu 1864A tal-Kap. 16, minn Rosario Carabott, il-mandatarju, quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja)[9] u għalhekk, ġie sottomess għall-konvenuti Cini illi l-prokura ma kienetx ġiet attivata bil-konsegwenza illi Elvia Cini, il-mandatarja, ma setgħet teżerċita ebda setgħet ta' rappreżentanza minn dawk espressament elenkati fil-prokura.

Il-Qorti taqbel ma' din il-pożizzjoni u fil-fehma tagħha, fi kwalsiasi każ li jkun il-mandatarju, *multo magis* il-mandatarju taħt prokura li tkun ingħatat għall-fini tal-artikolu 1864A tal-Kodiċi Ċivili f'ċirkostanzi fejn il-kapaċita' ma tkunx għadha seħħet u l-approvazzjoni tal-qorti għall-eżekuzzjoni tal-mandat ma tkunx għadha ġiet

[9] Ara xhieda ta' Marbeck Spiteri, l-Assistent Reġistratur.

mogħtija, li jkun ġie mħarrek f'ismu proprju għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-mandant, għandu jitqies li ġie mħarrek ħażin.

Għaldaqstant, jikkonsegwi illi Elvia Cini, u per konsegwenza wkoll il-konvenut Etienne Cini - li ġie mħarrek biss għaliex huwa miżżewweġ lilha u għalhekk in rappreżentanza wkoll tal-komunjoni tal-akkwisti preżumibbilment eżistenti bejniethom – ma humiex debituri tal-attur u ma jistgħux jiġu kkundannati jħallsu flimkien mal-konvenuti l-oħra, debituri tal-attur, l-ammont lilu dovut.

Ikkunsidrat;

Illi miżmum ferm dan, il-Qorti tqis illi safejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż ġudizzjarji tal-konvenuti Cini, dawn għandhom jiġu sopportati esklussivament mill-attur, li għandu jbati wkoll dawk l-ispejjeż u drittijiet li saru b'rabta ma' atti ġudizzjarji ppreżentati minnu fir-rigward tal-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini in segwitu għall-ammissjoni reġistrata mill-konvenuta Maria Carabott fit-30 Novembru 2023. Għall-bqija, l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jiġu sopportati mill-istess konvenuta Maria Carabott u mill-eredita' tal-mejjet konvenut Rosario Carabott, rappreżentata mill-Kuratur Deputat, f'ismha indaqs.

Għandu jingħad ukoll illi safejn ġie sottomess għall-attur fin-nota tad-9 ta' Ottubru 2024 illi l-Qorti għandha tikkundanna lill-konvenuti Cini "*jirrifondu ukoll il-flus li żbankaw bħala penali mhux ġustifikat*", kif ukoll iħallsu l-ispejjeż estra-ġudizzjarji li l-attur kien kostrett li jagħmel in konnessjoni mal-proċedura tal-affissjoni u tal-ħatra tal-Kuratur Deputat, jew għal servizzi li seta' ġew reżi mill-avukat matul il-proċeduri jew b'mod ġenerali in konnessjoni mal-kreditu pretiż f'din il-kawża, dan ma fih ebda mertu legali.

Għalkemm huwa minnu illi l-attur għamel talba espressa fir-Rikors promotur għall-ħlas ta' spejjeż estra-ġudizzjarji, għandu jingħad illi spejjeż u drittijiet estra-ġudizzjarji huma intaxxati mir-Reġsitratur skont it-tariffi stabbiliti fit-Tariffa B u Tariffa E tal-

Iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, ma jirriżultax illi l-avukat tal-attur mexa skont il-proċedura maħsuba mill-artikolu 556(1) tal-Kap. 12 u talab lir-Reġistratur jintaxxa d-drittijiet u spejjeż professjonali għas-servizzi li ġew reżi lill-attur. Din id-dispożizzjoni legali tipprovdi hekk:-

*(1) Fuq talba ta' kull min ikollu interess, ir-reġistratur jintaxxa d-drittijiet li jmissu lil avukati, nutara pubbliċi jew prokuraturi legali, għal xogħlijiet extra-ġudizzjarji, bla ħsara tal-jedd għall-appell, lill-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża, fi żmien xahar, b'rikors, b'talba sabiex it-taxxa tiġi emendata.*
*(2) It-talba sabiex jiġu ntaxxati d-drittijiet issr b'nota li turi x-xogħlijiet li għalihom tintalab it-taxxa.*

Fin-nuqqas ta' prova li xi spejjeż u drittijiet ġew intaxxati skont il-liġi, il-Qorti hija prekluża milli taġġudika dwar it-talba għall-ħlas ta' spejjeż estra-ġudizzjarji.

Iżda b'żieda ma' dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi s-sottomissjonijiet li saru fin-nota li ġiet ippreżentata għall-attur fid-9 ta' Ottubru 2024, fejn ġie allegat illi l-kawża "*ma kellhiex iddum dana ż-żmien kollu kieku ma kienx hemm pariri professjonali deliberatament intiżi sabiex l-attur ma jieħux lura dak li kien minn dejjem tiegħu*" u "*riżultat ta' dan il-kawża twalet għalxejn għal snin u kkaġunat lill-attur eluf ta' Euro ta' spejjeż fi proċeduri legali*" huma gratuwiti u kompletament barra minn lokhom. Ibda biex l-imħarrek f'kawża għandu jedd assolut li jfittex pariri legali biex jissalvagwardja l-interessi u l-pożizzjoni tiegħu fil-proċeduri u fi kwalsiasi każ, hija l-linja difensjonali li fuqha tkun arġinata l-kontestazzjoni tat-talba mill-imħarrek, u mhux il-parir legali li jingħata lilu mill-avukat tiegħu, li għandha tkun fil-mira ta' kritika mill-kontro-parti. Il-Qorti żgur m'hijiex sejra taċċetta bħala sottomissjoni legali xi kritika tal-pariri mogħtija minn xi ħadd mill-avukati tal-partijiet fil-kawża lill-patroċinati tagħhom, u konformement tiċċensura bl-ikar mod gravi r-riferenza li saret fin-nota tal-attur għall-Avukat Edward Debono bħala "*perċimes*" u l-allegazzjoni ta' qerq da parti ta' "*min iggwida*" lill-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini.

Huwa wkoll evidenti li l-biċċa l-kbira tan-nota li l-attur ingħata l-fakolta' jippreżenta biex isiru għan-nom tiegħu, ġiet dedikata mhux għal sottomissjonijiet legali dwar il-mertu tal-kawża, iżda biex tingħata ġustifikazzjoni dwar l-ammont ta' spejjeż li ntefqu mill-attur fuq bażi estra-ġudizzjarju minħabba, allegatament, xi qerq magħmul mill-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini u l-avukat tagħhom.

Għandu jingħad ukoll għall-kompletezza illi qatt ma ġie ppruvat u qatt ma kien punt dibattut fil-kawża jew parti mill-mertu, li l-konvenuti Cini pprovdew "*indirizz falz u ntiż biex iqarraq*" u bla dubju din l-allegazzjoni ma tistax isservi biex jiġi ġustifikat l-asserzjoni li l-attur nefaq eluf ta' Euro biex jinnotifikahom.

Konformement, il-Qorti hi tal-fehma li ma huma dovuti ebda spejjeż estra-ġudizzjarji lill-attur kif mitlub fir-rikors b'żieda mal-ispejjeż ġudizzjarji li ġew jew sejrin jiġu intaxxati b'mod uffiċjali mir-Reġistratur.

Fuq kollox, qatt ma jista' jiġi aċċettat li kawża il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha fejn il-valur tat-talba huwa ta' €10,000, tista' tagħti lok għal "*eluf ta' Euro fi spejjeż fi proċeduri legali*" u indubbjament, l-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji maħduma skont it-taxxa uffiċjali abbażi tat-tariffi applikabbli fit-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12, ma jistgħu qatt, lanqas fuq medda ta' tliet snin ta' smigħ tal-proċeduri, jammontaw komplessivament għal "*eluf ta' Euro*", sakemm l-attur mhux qed jirriferi wkoll jew erronjament għal spejjeż u drittijiet estra-ġudizzjarji li seta' ħallas b'żieda ma' dawk ġudizzjarji.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi li l-imgħax jibda jiddekorri mit-30 ta' Mejju 2018, id-data li fiha l-konvenuti Rosario Carabott u Maria Carabott aċċettaw li huma għandhom jħallsu lura s-somma mislufa lilhom (Dok. EDD). Iżda dan l-argoment huwa legalment żbaljat għaliex filwaqt li huwa eskluż li l-obbligazzjoni għall-ħlas mertu tat-talba hija ta' xorta kummerċjali, isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1141 tal-Kodiċi

Ċivili li jistipola li l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Fil-każ in diżamina, jirriżulta mill-atti illi l-ewwel interpellazzjoni għall-ħlas b'att ġudizzjarju li ġiet notifikata lil Rosario Carabott, Maria Carabott, Elvia Cini u Etienne Cini saret fl-14 ta' Mejju 2021 (u mhux fis-17 ta' Mejju 2021 kif indikat fir-Rikors) għall-finijiet tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 (numru 1046/2021), liema interpellazzjoni l-intimati kollha wieġbu għaliha permezz ta' nota ta; kontestazzjoni ppreżentata fit-28 ta' Mejju 2021. Għaldaqstant, għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet minn din l-imsemmija data.

**Għal dawn il-motivi kollha, tiddisponi mir-Rikors tal-attur billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini, tilqa' t-talbiet ta' FRANCIS CARABOTT limitatament fil-konfront tal-konvenuta Maria sive Marie Carabott u tal-Kuratur Deputat maħtur biex jirrappreżenta l-eredi mhux magħrufa ta' Rosario Carabott, u tikkundannahom iħallsu lill-istess attur in kwantu għal nofs kull wieħed, is-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000), bl-imgħax mid-data tal-ittra ġudizzjarja bin-numru 1046/2021.**

**L-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji (iżda mhux ukoll dawk extra-ġudizzjarji) għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti Maria sive Marie Carabott u l-Kuratur Deputat, nofs b'nofs, ħlief għal dawk l-ispejjez u drittijiet ġudizzjarji tal-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini, u dawk l-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji li huma dovuti b'rabta ma' atti ġudizzjarji ppreżentati mill-attur fir-rigward tal-konvenuti Elvia Cini u Etienne Cini u jew atti ġudizzjarji ppreżentati wara t-30 ta' Novembru 2023, liema spejjeż u drittijiet għandhom ilkoll jiġu sopportati mill-attur, Francis Carabott.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**